

Brussell, 20 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15712/25

TELECOM 420  
COMPET 1209  
CYBER 339

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur   |
| data meta waslet: | 19 ta' Novembru 2025  |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2025) 835 final   |
| Suġġett:          | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL STRATEĠIJA TAL-UNJONI TAD-DATA NIFTĦU L-BIBIEN TAD-DATA GĦALL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 835 final.

Mehmuż: COM(2025) 835 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.11.2025  
COM(2025) 835 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**STRATEĠIJA TAL-UNJONI TAD-DATA**

**NIFTĦU L-BIBIEN TAD-DATA GĦALL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI**

# 1. Introduzzjoni

L-intelliġenza artifiċjali qed tittrasforma l-ekonomija dinjija, u, l-UE teħtiegħ volumi kbar ta' data ta' kwalità għolja biex tikkompeti u tixpruna l-innovazzjoni. Mingħajr data bħal din, l-UE ma tistax tibni mudelli b'saħħithom tal-IA, tottimizza l-kura tas-saħħa jew is-sistema tal-enerġija, jew issostni t-tmexxija industrijali. B'mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u medji, aċċess aħjar għad-data se jkun deċiżiv biex ikabbru u jibqgħu kompetittivi.

L-UE firxet pedamenti sodi biex tibni suq uniku sigur u interoperabbli għad-data permezz ta' leġiżlazzjonijiet ewlenin bħall-Att dwar id-Data<sup>1</sup>, u investimenti fi spazji komuni Ewropej tad-data<sup>2</sup>. Fl-istess waqt, il-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA<sup>3</sup> u l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA<sup>4</sup> ħolqu l-kundizzjonijiet biex l-UE tkun pijuniera fl-iżvilupp u l-adozzjoni tal-IA.

Iżda l-UE qed iġġarrab ċerta skarsezza tad-data għall-iżvilupp tal-IA, u qed kulma jmur tiżdidilha l-kompetizzjoni ġeopolitika fejn id-data qed titqies dejjem aktar bħala assi strateġiku. Ħafna data prezzjuża tibqa' kompartmentalizzata jew mhux użata biżżejjed, inkluż minħabba taħlita kumplessa ta' regoli dwar id-data, filwaqt li l-kompetituri dinjin qed jirnexxihom ikunu aktar veloċi biex jisfruttawha għal vantaġġ teknoloġiku u industrijali.

Biex jiffaċilita l-konformità u jtejjeb il-prevedibbiltà, l-Omnibus Diġitali jipproponi simplifikazzjoni tax-xenarju regolatorju tad-data billi **erba' strumenti legali jingħaqdu f'qafas wieħed koerenti tad-data**. Barra minn hekk, biex tappoġġa lill-kumpaniji u tiffaċilita l-konformità, mal-istrateġija se jkun hemm **pakkett ta' appoġġ komprensiv skont l-Att dwar id-Data**. L-SMEs se jiġu meġġuna b'termini kuntrattwali mudell, klawżoli standard tal-cloud u helpdesk apposta, b'mod partikolari biex jissodisfaw l-obbligi, inaqqsu l-kumplessità legali u jiffukaw fuq l-innovazzjoni. Il-klawżoli mudell se japplikaw għar-relazzjonijiet B2G kif ukoll B2B, b'appoġġ għall-ħolqien u l-kondiviżjoni tad-data u għal kuntratti aktar sempliċi.<sup>5</sup>

L-istrateġija għal Unjoni tad-Data tbiddel il-fokus mir-regoli għar-riżultati. Biex tikseb dan, l-UE se taġixxi fi tliet oqsma ta' prijorità:

- **tiskala l-aċċess tal-IA għad-data**, b'inizjattivi bħal **laboratorji tad-data** li joffru servizzi ta' psewdonimizzazzjoni fdati u li jiġbru flimkien riżorsi tad-data għall-atturi pubbliċi u privati biex jipprovdu settijiet tad-data ta' kwalità għolja lill-kumpaniji u liriċerkaturi.
- **tissimplifika r-regoli tad-data** biex il-kondiviżjoni tad-data ssir aktar faċli għan-negozji u għar-riċerkaturi, inkluż li **tirrifirma l-kunsens tal-cookies** biex tonqos l-għeja u jibqgħu jitħarsu d-drittijiet.
- **issaħħaħ il-pożizzjoni dinjija tal-UE dwar il-flussi internazzjonali tad-data**, billi jingħelbu ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ ħalli l-kumpaniji Ewropej ikunu jistgħu jikkompetu globalment f'ambjent ekwu.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva (UE) 2020/1828.

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data, SWD(2024) 21 final, l-24 ta' Jannar 2024.

<sup>3</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2025). Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. COM(2025) 165 final. Brussell: il-Kummissjoni Ewropea.

<sup>4</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Strateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, COM(2025) 723 final, Brussell, it-8 ta' Ottubru 2025.

<sup>5</sup> [Klawżoli kuntrattwali mudell tal-IA tal-UE aġġornati | Komunità ta' Xerreġja Pubblika](#).

## 2. Nibnu fuq l-istrateġija Ewropea għad-data (2020-2025)

Bl-istrateġija Ewropea għad-data tal-2020<sup>6</sup>, l-UE firxet il-pedamenti legali u istituzzjonali għal suq uniku tad-data sigur u ġust. L-għan kien li jinhatat il-potenzjal tad-data għall-innovazzjoni u t-tkabbir filwaqt li jitħarsu d-drittijiet. Iżda bl-IA ġenerattiva u b'aktar kompetizzjoni ġeopolitika, jidher ċar li l-UE jeħtieġ li tmur lil hinn mill-pedamenti li bniet.

L-istrateġija Ewropea għad-data kienet il-mutur tal-leġiżlazzjoni ewlenija biex tinbena l-fiduċja, tiġi promossa l-kondiviżjoni tad-data, u jiġu ċċarati r-regoli tul il-katina tal-valur kollha tad-data. **L-Att dwar il-Governanza tad-Data** ħoloq mekkaniżmi għall-kondiviżjoni affidabbli tad-data, irregola l-intermedjarji, introduċa qafas għal kondiviżjoni volontarja tad-data minn kumpaniji għal skopijiet ta' interess ġenerali (altruwiżmu volontarju tad-data), u fetaħ il-bibien ta' ċerti settijiet tad-data tas-settur pubbliku li huma protetti. **L-Att dwar id-Data** se jiċċara d-drittijiet tal-aċċess u tal-użu ħalli tkun tista' tinkiseb ċerta data minn prodotti u servizzi konnessi. Fl-aħħar nett, bis-saħħa tad-**Direttiva dwar id-Data Miftuħa** u l-Att ta' Implimentazzjoni tagħha dwar settijiet tad-data ta' valur għoli (applikabbli minn Ġunju 2024), ċerti settijiet tad-data tas-settur pubbliku kellhom isiru disponibbli b'mod liberu u miftuħ b'formati li jinqraw minn magna. Iżda l-inkonsistenzi fl-implimentazzjonijiet nazzjonali u l-inċertezzi dwar is-sigriet kummerċjali huma wħud mill-isfidi li għadu qed jaffaċċja l-qafas leġiżlattiv eżistenti.

Fost il-miżuri ta' appoġġ stabbiliti fl-istrateġija Ewropea għad-data hemm il-ħidma mal-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data biex jiġu kkoordinati l-isforzi tal-Istati Membri u talba għall-istandardizzazzjoni biex jiġu stabbiliti l-pedamenti għal qafas affidabbli Ewropew tad-data<sup>7</sup>.

Biex is-suq uniku Ewropew għad-data jsir realtà, bejn l-2021 u l-2024 il-Kummissjoni investiet ukoll €336 miljun f'14-il spazju komuni strateġiku Ewropew tad-data li jkopru setturi ekonomiċi ewlenin u oqsma ta' interess pubbliku, biex tikkomplementa l-isforzi nazzjonali u tas-settur privat. Dawn l-ispazji jipprovdu infrastruttura sigura u oqfsa ta' governanza għall-kondiviżjoni volontarja tad-data skont il-kundizzjonijiet miftiehma. L-isfida ewlenija issa hi biex dawn l-isforzi jiġu skalati ħalli jħallu impatt mal-UE kollha.

---

*L-Ispazju Ewropew tad-Data dwar l-Immaġnijiet tal-Kanċer jiġbor fih immaġnijiet u annotazzjonijiet anonimizati.*

*Sal-2027, dan se jkun fih aktar minn 60 miljun immaġni tal-kanċer.*

---

<sup>6</sup> L-istrateġija Ewropea għad-data – Insawru l-futur tal-Ewropa diġitali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, l-2020, <https://data.europa.eu/doi/10.2775/645928>.

<sup>7</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2025) 4135 tal-1 ta' Lulju 2025 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni rigward Qafas ta' Data Affidabbli Ewropew b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2023/2854 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tinsab fuq: [https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/enorm/mandate/614\\_en](https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/enorm/mandate/614_en) (aċċessata fis-27 ta' Ottubru 2025).

### 3. Tliet sfidi li l-UE jeħtieġ tindirizza issa

Hekk kif it-teknoloġija u s-servizzi tal-IA qed isawru mill-ġdid ix-xenarju dinji, l-UE jeħtiġilha tindirizza b'mod urġenti tliet sfidi strateġiċi ġodda: l-iskarsezza tad-data, il-kumplessità regolatorja, u l-kompetizzjoni dinjija li qed tiżdied.

#### L-iskarsezza tad-data: effett lembut strutturali għall-innovazzjoni

Issa li qed jiżdied l-użu tal-IA ġenerattiva, il-mudelli lingwistiċi l-kbar (LLMs) u l-IA b'Aġenzija<sup>8</sup>, l-aċċess għal settijiet tad-data ta' volum qawwi, ta' kwalità għolja, ġodda, u speċifiċi għad-dominju sar fattur determinanti tal-kompetittività dinjija. Skont Epoch AI, id-daqs tas-settijiet tad-data użati għat-taħriġ tal-LLMs qed jirdoppja bejn wieħed u ieħor kull sitt xhur<sup>9</sup>.

L-LLMs u tipi oħra ta' mudelli bażi jeħtieġu settijiet tad-data massivi u diversi biex jitħarrġu. L-istudji jissuġġerixxu li, bix-xejriet attwali, il-volum tad-data għat-taħriġ disponibbli pubblikament jista' jiġi eżawrit bejn l-2026 u l-2032<sup>10</sup>.

L-isfida tal-UE hija doppja: (i) li tagħmel settijiet tad-data ta' kwalità għolja, inkluż settijiet tad-data speċifiċi għas-setturi, disponibbli b'mod usa'; u (ii) li tiżgura li l-infrastruttura tal-computing meħtieġa biex jiġu pproċessati dawn is-settijiet tad-data tkun aċċessibbli fuq skala akbar. Ħafa ditti Ewropej, speċjalment SMEs u negozji ġodda, ma għandhomx il-volum u d-diversità tad-data u l-aċċess għall-kapaċitajiet Ewropej tal-komputazzjoni meħtieġa biex jiżviluppaw soluzzjonijiet tal-IA kompetittivi. Mingħajr azzjoni urġenti, l-UE turriskja li taqa' lura.

#### Il-kumplessità regolatorja: il-frammentazzjoni xxekkel l-iskala

Skont l-istrateġija Ewropea għad-data tal-2020, l-UE introduċiet regolamenti ewlenin abbażi ta' regoli preeżistenti - l-Att dwar il-Governanza tad-Data<sup>11</sup>, l-Att dwar id-Data, u diversi liġijiet settorjali bħar-Regolament dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa<sup>12</sup>. Dawn l-inizjattivi ffokaw ilkoll fuq materji speċifiċi, bħal mekkaniżmi għall-kondiviżjoni tad-data, id-distribuzzjoni ġusta tal-valur, u l-indirizzar ta' rekwiżiti peżanti b'rabta mal-lokalizzazzjoni. Iżda l-interazzjoni kumplessa bejn ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)<sup>13</sup> u liġijiet settorjali, u l-implimentazzjoni mhux uniformi fl-Istati Membri ħolqu xenarju regolatorju frammentat, inċertezza legali, inkluż għall-awtoritajiet pubbliċi, u jżidu l-kostijiet tal-konformità, speċjalment għan-negozji ġodda u l-SMEs.

Pereżempju, il-fornituri tas-servizzi ta' intermedjazzjoni tad-data – li għadu qasam emerġenti – huma soġġetti għal obbligi legali restrittivi li jillimitaw il-kapaċità tagħhom li jikbru. Jeħtieġ ikun evitat li l-ekosistemi fi stadju bikri jittaqqqu b'rekwiżiti sproporzjonati li jxekklu l-

<sup>8</sup> “L-IA b'aġenzija huma sistemi tal-IA li jistgħu jieħdu deċiżjonijiet u azzjonijiet b'mod indipendenti. Dan jippermetti lill-aġenti jifhmu lingwa, jirraġunaw dwar kompiti, jieħdu azzjonijiet b'mod awtonomu biex jilhqqu objettivi predefiniti, u jinteraġixxu mad-dinja madwarhom, filwaqt li jsawru interazzjonijiet inkluż mal-bnedmin

<sup>9</sup> Robi Rahman u David Owen (2024), “The size of datasets used to train language models doubles approximately every six months”. *Ippublikat online fuq epoch.ai*. Miksub minn: <https://epoch.ai/data-insights/dataset-size-trend> [riżorsa online]

<sup>10</sup> Villalobos, P., Ho, A., Sevilla, J., Besiroglu, T., Heim, L., & Hobbhahn, M. (2024). *Position: Will we run out of data? Limits of LLM scaling based on human-generated data*. In K. Chaudhuri, S. Jegelka, L. Song, D. L. Silver, & Y. Ermon (Eds.), *Proceedings of the 41st International Conference on Machine Learning* (Vol. 235, pp. 42085-42101). PMLR. <https://proceedings.mlr.press/v235/villalobos24a.html>

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L 52, 3.6.2022, p. 1).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (UE) 2025/327 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2025 dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa u li jemenda d-Direttiva 2011/24/UE u r-Regolament (UE) 2024/2847.

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE.

adozzjoni ta' mudelli tal-kondiviżjoni tad-data u l-varar ta' spazji tad-data. Biex jinfetħu l-bibien tal-innovazzjoni, l-UE jeħtieġ tissimplifika r-regoli dwar l-aċċess u l-użu tad-data.

## **Il-kompetizzjoni dinjija: id-data bħala assi strateġiku**

Fit-tellieqa tal-IA, l-aċċess għal data ta' valur għoli hu vantaġġ strateġiku ewlieni. Globalment, id-data saret assi ġeopolitiku, u l-aċċess, il-lokalizzazzjoni u l-kontroll tad-data saru jintużaw dejjem aktar bħala strumenti ta' poter. Filwaqt li l-UE tippromwovi flussi tad-data miftuħa, siguri, ġusti u fdati, ġurisdizzjonijiet oħrajn iħaddmu strateġiji assertivi jew protezzjonisti. Il-lokalizzazzjoni u r-reġimi tal-aċċess restrittiv barra mill-UE qed jillimitaw l-aċċess tal-UE għar-riżorsi dinjin u jesponu lid-ditti tal-UE għal riskji ekonomiċi u tas-sigurtà. Biex jinħataf il-potenzjal kollu tal-IA Ewropea, l-Unjoni jeħtieġ tittratta d-data bħala riżorsa strateġika ewlenija u tinvesti f'settijiet tad-data siguri, ta' kwalità għolja u interoperabbli li jkunu jirriflettu l-valuri u l-istandards Ewropej. Li nsaħħu l-kapaċità tal-Ewropa li tiġbor, torqom u tuża d-data tagħha stess hu imperattiv ekonomiku daqskemm tas-sigurtà. L-UE jeħtieġ tiżgura flussi ta' ġid, tissalvagwardja d-data sensittiva mhux personali fi ħdan l-UE, u tappoġġa s-sovranità diġitali f'kuntast ta' rivalità teknoloġika dejjem aktar intensa.

## 4. It-tliet pilastri tal-Istrateġija għal Unjoni tad-Data

### Pilastru I: Inkabbru l-aċċess għal data ta' kwalità għall-IA u għall-innovazzjoni

Il-kompetittività tal-UE fl-IA u fl-innovazzjoni diġitali tiddependi fuq l-aċċess għal data ta' kwalità għolja u fuq l-infrastruttura biex id-data tiġi kondiviża u tintuża b'mod sigur fuq skala akbar. L-UE diġà firxet pedamenti sodi bi spazji komuni Ewropej tad-data, b'oqfsa ta' governanza, u b'investimenti kbar fit-teknoloġija tal-cloud u fil-computing. L-isfida issa hija t-tranżizzjoni minn proġetti pilota u inizjattivi frammentati għal ekosistema tad-data bla xkiel, interoperabbli u sostenibbli, li tqanqal innovazzjoni trasformattiva u ssaħħaħ is-sovranità diġitali tal-UE.

Biex dan jinkiseb, il-Kummissjoni se taġixxi fuq żewġ binarji komplementari. L-ewwel, se tniedi inizjattivi ewlenin li jindirizzaw l-aktar effetti lembut urġenti tal-UE: l-aċċess limitat għal settijiet tad-data kritiċi, in-nuqqas ta' infrastruttura biżżejjed għall-iżvilupp tal-IA fuq skala kbira, u l-ħtieġa ta' ambjenti fdati, inkluż laboratorji tad-data li jikkollegaw l-ispazji tad-data mal-iżviluppaturi tal-IA. Dawn il-laboratorji tad-data se jservu ta' faċilitajiet tas-servizz speċjalizzati li jipprovdu ambjenti siguri, għodod prattiċi, u appoġġ espert għall-ġbir, l-irfinar, il-psewdonimizzazzjoni, u l-anonimizzazzjoni tad-data. Se jgħinu lill-kumpaniji, speċjalment lill-SMEs, isarrfu d-data f'riżorsi li jistgħu jintużaw għat-taħriġ tal-IA filwaqt li jippreżervaw il-kontroll tad-data. Dawn l-isforzi se jaħdmu id f'id mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA biex jiżguraw li d-disponibbiltà tad-data tappoġġa direttament il-varar tal-IA u l-innovazzjoni fost l-industriji u s-setturi pubbliċi. It-tieni, il-Kummissjoni se ssaħħaħ dawn l-isforzi b'faċilitaturi orizzontali: ċarezza legali għall-ġbir tad-data, standards għall-kwalità tad-data, u investiment fil-kapaċitajiet ta' data sintetika<sup>14</sup>, li jiżguraw l-iskala, il-fiduċja, u s-sostenibbiltà fit-tul fis-setturi kollha.

#### i. Niskalaw l-ispazji komuni Ewropej tad-data

L-ispazji komuni Ewropej tad-data (CEDS) huma ċentrali biex jinbena suq uniku għad-data. Il-fażi li jmiss se tiskalahom u tikkollegahom mal-infrastruttura tal-IA permezz ta' laboratorji tad-data u fabriki tal-IA, li se jsarrfu l-assi tad-data tal-UE f'mutur għal IA affidabbli. B'sinerġija mill-qrib mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, dawn l-isforzi se jiżguraw li l-ispazji tad-data jippermettu direttament l-iżvilupp u l-użu tal-IA f'setturi varji.

---

#### Spazji tad-Data u Laboratorji tad-Data: is-sisien ta' Ekosistema tal-IA tal-Ewropa

L-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data huma ekosistemi għall-kondiviżjoni tad-data mibnija fuq infrastruttura tal-cloud u fuq regoli ċari ta' governanza li jiddeterminaw min jista' jaċċessa, juża u jikkondividi d-data. Dawn jikkollegaw lil atturi pubbliċi u privati biex ikollhom mekkaniżmi fdati għall-iskambju tad-data fi ħdan u bejn is-setturi.

Il-Laboratorji tad-Data huma fornituri tas-servizzi tad-data li jikkollegaw dawn l-ispazji tad-data mal-ekosistema tal-IA. Dawn jagħtu aċċess sigur u prattiku lill-kumpaniji u l-riċerkaturi għal settijiet tad-data ta' kwalità għolja; u jagħtu ukoll l-appoġġ li jeħtieġu biex jiżguraw il-konformità mar-regoli tal-UE, u joffru għodod, gwida, u ambjenti fdati għall-ġbir, l-irfinar, it-tikkettar u l-psewdonimizzazzjoni tad-data.

L-ispazji tad-data jipprovdu sorsi strutturati ta' data affidabbli, filwaqt li l-laboratorji tad-data jbiddu din id-data f'riżorsi li jistgħu jintużaw għall-innovazzjoni u għall-iżvilupp tal-IA, filwaqt li jiżguraw fluss bla xkiel mill-aċċessibbiltà sal-applikazzjoni.

---

<sup>14</sup> Id-data sintetika hija data ġenerata artifiċjalment li ma tinġabarx minn avvenimenti tad-dinja reali iżda li tissawwar biex timita statistikament proprjetajiet, xejriet u relazzjonijiet ta' sett tad-data reali.

Il-**middleware tal-cloud Simpl**<sup>15</sup> se jippermetti l-interoperabbiltà bejn l-inizjattivi b'sett ta' komponenti ta' sors miftuħ, modulari u sigur. Dan inaqqas l-ostakli għall-SMEs u joħloq konnessjonijiet aktar veloċi bejn l-ekosistemi. Iċ-ċentru ta' appoġġ għall-ispazji tad-data se jsaħħaħ l-adozzjoni, speċjalment fost l-SMEs, bit-tixrid tal-għarfien u bi gwida Prattika.

Il-finanzjament futur tal-UE għas-CEDS se jagħti prijorità lis-setturi ta' interess pubbliku, bħas-saħħa, il-mobbiltà, l-enerġija, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-ambjent, filwaqt li dominji maturi bħall-manifattura u l-finanzjament se jgħaddu għal mudelli mmexxija mis-suq. Il-Kummissjoni se tappoġġa din it-tranżizzjoni billi tippromwovi l-istandardizzazzjoni, l-interoperabbiltà, u l-oqfsa ta' koinvestment. L-integrazzjoni tal-utenti finali, il-prontezza tal-IA, u s-sostenibbiltà finanzjarja se jibqgħu objettivi ewlenin.

Fost l-azzjonijiet ewlenin skont l-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, l-UE se tuża l-**Ispazji Komuni Ewropej tad-Data** biex tħaffef il-varar tal-IA fost is-setturi ewlenin u tappoġġa l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA Pijuniera bl-Inizjattiva tal-IA Pijuniera. Dawn l-azzjonijiet huma marbuta mill-qrib ma' inizjattivi ewlenin oħra għall-applikazzjoni tal-IA, bħall-Mudelli Bażi għall-Industrija, l-Iskoperta Farmaċewtika li taħdem bl-IA, il-Bliet b'Ambizzjoni ta' Sewqan Awtonomu, li lkoll jużaw data settorjali pprovduta mill-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data. Dan l-approċċ jissarraf f'applikazzjonijiet konkreti: ċentri tal-iskrinjar li jaħdmu bl-IA fil-kura tas-saħħa li jivvalidaw l-għodod dijanjostiċi billi jużaw l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa<sup>16</sup>; ġbir fdat tad-data għall-manifattura permezz tal-Ispazju tad-Data għall-Manifattura biex jiħarrġu mudelli tal-IA speċjalizzati u pijunieri; u Pjattaforma tal-IA Agroalimentari li tappoġġa l-adozzjoni ta' għodod agrikoli bbażati fuq l-IA billi tuża l-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data dwar l-Agricoltura.

Mill-2026 se jissokta l-varar ta' spazji tad-data fis-setturi ta' prijorità, appoġġat b'investiment attwali tal-UE ta' madwar EUR 100 miljun li jippermetti l-użu fdat u fuq skala kbira tad-data għall-applikazzjonijiet tal-IA. L-**Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa** se jappoġġa d-dijanjostika u l-mediċina personalizzata bbażati fuq l-IA, u jkun pont ewlieni bejn l-ekosistemi tad-data dwar is-saħħa u l-iżvilupp tal-IA, biex il-Laboratorji tad-Data u l-Fabbriki tal-IA ikunu jistgħu jisfruttaw settijiet tad-data anonimizati u sintetiċi f'ambjenti tal-ipproċessar fdati; l-**Ispazju Komuni Ewropew tad-Data dwar il-Mobbiltà** se jippermetti l-konnessjoni tal-vetturi, tal-infrastruttura u tal-loġistika għal trasport aktar sigur u aktar ekoloġiku; l-Ispazju tad-Data dwar l-Enerġija se jiffaċilita servizzi tal-enerġija intelliġenti u flessibbli; u l-**Ispazju tad-Data dwar il-Midja** se jagħti spinta lill-industriji kreattivi b'innovazzjoni kulturali xprunata bl-IA. Il-laboratorji tad-data se jkun punti tad-dħul Prattiki għal dawn l-ispazji tad-data, u jgħinu lill-organizzazzjonijiet jaċċessaw, iħejju ruħhom u jużaw id-data b'mod effettiv għall-IA.

---

### *Il-Passi Li Jmiss għal Spazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa*

*L-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS) se jkun pont ewlieni bejn l-ekosistemi tad-data dwar is-saħħa u l-iżvilupp tal-IA, biex il-laboratorji tad-data u l-Fabbriki tal-IA ikunu jistgħu jisfruttaw settijiet tad-data anonimizati u sintetiċi f'ambjenti tal-ipproċessar fdati.*

*Minn Marzu 2029, is-sommarji tal-pazjenti u r-riċetti elettroniċi se jiġu skambjati mal-Istati Membri kollha, flimkien ma' użu sekondarju ta' ħafna mid-data dwar is-saħħa. Sa Marzu 2031, dan se jestendi għall-immaġnijiet mediċi, għar-riżultati tal-laboratorju u għar-rapporti tar-rilaxxi, b'data ġenomika u b'data oħra miżjuda għal użu sekondarju.*

---

<sup>15</sup> Simpl hu middleware ta' sors miftuħ u sigur li jappoġġa l-aċċess għad-data u l-interoperabbiltà tad-data f'inizjattivi Ewropej dwar id-data. Dan jipprovi diversi komponenti kompatibbli, biex jintużaw bla ħlas, li josservaw standard komuni tal-kwalità tad-data u tal-kondiviżjoni tad-data; <https://simpl-programme.ec.europa.eu/>.

<sup>16</sup> Dan se jibni wkoll fuq il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, l-Istrateġija għax-Xjenzi tal-Ħajja, u l-Pjan tal-UE dwar is-Saħħa Kardjovaskulari.

F'dan il-qafas, l-**ispazju Ewropew tad-data legali** se jwessa' l-aċċess għad-data legali u ġudizzjarja b'identifikaturi komuni u metadata għall-ġurisprudenza u l-leġislazzjoni, ħalli LegalTech tkun tista' tuża din id-data. F'dan il-kuntest se tiġi esplorata l-ħtieġa ta' ġabra ta' data dwar it-termini kuntrattwali għal ikkuntrattar awtomatizzat.

Il-Kummissjoni se tħaffef id-diġitalizzazzjoni ambjentali permezz tal-**Ispazju tad-Data tal-Patt Ekoloġiku** ħalli l-komunità DigitalGreenTech tkun tista' tiskala s-soluzzjonijiet transsettorjali billi tuża komponenti u settijiet tad-data ta' kwalità għolja li jkunu jistgħu jergħu jintużaw. L-azzjonijiet ta' prijorità jinkludu servizzi mmexxija mid-data għall-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma, id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi għall-ħruġ tal-permessi, inizjattivi pilota dwar it-traċċabbiltà tat-tessuti u l-krediti tan-natura, u l-monitoraġġ avanzat tal-foresti bit-tagħlim awtomatiku abbażi ta' data miftuħa u kunfidenzjali.

**Spazju Ewropew tad-Data dwar id-Difiża** se joħloq ambjent fdat għall-ġbir ta' data operazzjonali, industrijali u tar-riċerka biex jinħolqu sistemi tad-difiża tal-ġenerazzjoni li jmiss, jiġu xprunati l-kapaċitajiet industrijali, u tissaħħaħ is-sovranià teknoloġika tal-UE billi tonqos d-dipendenza fuq il-fornituri minn pajjiżi terzi. Mill-esperjenza tal-Ukrajna fid-difiża mmexxija mid-data, il-Kummissjoni se tesplora kooperazzjoni u skambju tal-għarfien. L-inizjattiva se tinholq mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż in-negozji.<sup>17</sup>

## ii. Laboratorji tad-data

Kif spjegat fil-Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA, il-laboratorji tad-data se jkunu faċilitajiet speċjalizzati, li jikkollegaw flimkien lid-detenturi tad-data, l-ispazji komuni Ewropej tad-data, l-ekosistemi tad-data speċifiċi għad-dominju, u l-ekosistema tal-IA tal-UE. Il-laboratorji tad-data<sup>18</sup> se jipprovdu servizzi prattiċi – bħal ġbir<sup>19</sup>, irfinar<sup>20</sup>, tikkettar u psewdonimizzazzjoni<sup>21</sup> tad-data – biex jgħinu lill-organizzazzjonijiet, b'mod partikolari lin-negozji ġodda u n-negozji li qed ikabbru jikkondividu u jużaw id-data b'mod sikur, jiffaċilitaw it-taħriġ kooperattiv fl-IA u jappoġġaw l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA f'setturi ewlenin u jkopru mudelli differenti ta' governanza u ta' liċenzjar. Bi qbil mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, il-laboratorji tad-data se jsarrfu d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità għolja f'varar konkret tal-IA, u jkunu faċilitaturi prattiċi li jħaffu l-esperimentazzjoni, l-adozzjoni u l-iskalar. Dawn jistgħu jintużaw ukoll biex jitwettqu kompiti li jeħtieġu riżorsi avanzati tal-IA f'isem l-Ispazji tad-Data u infrastrutturi oħra tad-data, pereżempju jipproduċu data sintetika jew iwettqu preżervazzjoni avanzata tal-privatezza u tas-segretezza kummerċjali ħalli jgħinu lill-organizzazzjonijiet jikkondividu u jużaw id-data b'mod sikur.

Billi jiġbru flimkien ir-riżorsi pubbliċi u privati, il-laboratorji tad-data jgħinu biex jissolva falliment ewlieni tas-suq: id-disponibbiltà limitata ta' data diversa u ta' kwalità għolja u n-nuqqas ta' rieda li tiġi kondiviża data privata għat-taħriġ tal-IA. Dawn se joperaw b'kanali u oqfsa ta' aċċess eżistenti mingħajr ma jkollhom bżonn trasferiment dirett tad-data. B'dan il-mod, l-ispazji tad-data jibqgħu l-infrastrutturi fdati fejn tiġi regolata u titqiegħed għad-

<sup>17</sup> Din l-inizjattiva se jiġġwidaha l-istudju tal-fattibbiltà tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża li hu mistenni sal-aħħar tal-2025.

<sup>18</sup> F'xi kuntesti jintuża t-terminu "kontenituri tad-data" biex jirreferi għal faċilitajiet simili li jippermettu użu strutturat, sigur u fdat tad-data f'ambjenti differenti. Flimkien mal-kunċett aktar usa' ta' "kontejnerizzazzjoni tad-data," dawn jirriflettu approċċ komplementari għal organizzazzjoni u governanza tal-iskambju tad-data, li jippromwovi l-interoperabbiltà u l-konsistenza fl-ekosistema tal-IA tal-UE.

<sup>19</sup> Il-kombinament u l-kondiviżjoni tad-data mingħand diversi sorsi f'repożitorju uniku, ċentralizzat jew f'ambjent kondiviż.

<sup>20</sup> Organizzazzjoni, integrazzjoni, validazzjoni u żamma tad-data, inkluż it-tikkettar tagħha, biex jiżiedu l-aċċess u l-użu.

<sup>21</sup> L-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2016/679: "L-ipproċessar ta' data personali b'tali mod li d-data personali ma tkunx tista' tibqa' tiġi attribwita għal suġġett tad-data speċifiku mingħajr l-użu ta' informazzjoni addizzjonali, dment li tali informazzjoni addizzjonali tinżamm separatament u tkun soġġetta għal miżuri tekniċi u organizzattivi biex jiġi żgurat li d-data personali ma tiġix attribwita għal persuna fiżika identifikata jew identifikabbli."

dispożizzjoni d-data, filwaqt li l-laboratorji tad-data jistgħu jkunu l-interfaċċa operazzjonali li tippermetti l-użu sikur tagħha għall-IA b' mod li jżid il-valur.

Il-parteċipazzjoni se tkun volontarja, u d-detenturi tad-data jiddeċiedu kif, meta, u min jista' juża d-data. Ma tiġi trasferita l-ebda data mingħajr il-kunsens espliċitu. L-attivitajiet kollha se jkunu protetti b' salvagwardji stretti tal-kunfidenzjalità u appoġġati b' tekniki tal-preżervazzjoni tal-privatezza u deċentralizzati, fosthom tagħlim federat, kriptaġġ omomorfiku, u komputazzjoni multiparti sigura. Id-data tista' tiġi pproċessata lokalment jew bejn nodi differenti mingħajr ma titwaħħad ġo repożitorju uniku, ħalli jkun żgurat li tibqa' fil-kontroll tad-detentur oriġinali. Dan il-mudell – partikolarment ta' ġid għall-SMEs – jappoġġa l-konformità mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, jissalvagwardja l-kunfidenzjalità, u jibni l-fiduċja filwaqt li jwessa' l-użu tad-data għall-IA.

Il-kapaċità tal-computing tal-UE evolviet mill-computing ta' prestazzjoni għolja (HPC) orjentat lejn ix-xjenza skont il-EuroHPC għal Fabbriki tal-IA li jwessgħu dan il-kunċett biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-IA, billi jikkollegaw l-infrastruttura tal-computing mal-aċċess għad-data u l-esperimentazzjoni. Il-Gigafabbriki tal-IA futuri se jkomplu jkabbbru l-faċilitajiet komputazzjonali tal-IA.

F'dan il-qafas, l-ewwel laboratorji tad-data se jiġu stabbiliti bl-inizjattiva tal-Fabbriki tal-IA permezz tal-EuroHPC, li se jipprovdu ambjenti siguri u servizzi tad-data biex jikkollegaw lill-iżviluppaturi tal-IA ma' spazji komuni Ewropej tad-data f'oqsma bħall-kura tas-saħħa, il-manifattura, l-enerġija u l-klima, u biex dawn jiġu estiżi għal-lingwi, għaċ-ċibersigurtà, u għall-wirt kulturali. Biex ikun żgurat li s-servizzi tagħhom jaslu għand il-kumpaniji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-laboratorji tad-data se jaħdmu id f'id mill-qrib maċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali (EDIHs) li jaġixxu bħala punti tal-kuntatt għan-naħa tal-utenti u jgħinu biex il-ħtiġijiet tad-data jitqabblu ma' applikazzjonijiet konkreti.

F'dominji oħrajn se jiġu stabbiliti aktar Laboratorji tad-Data biex jindirizzaw ċerti ħtiġijiet settorjali jew tar-riċerka speċifiċi, bħas-settur tal-enerġija. Il-Gigafabbriki tal-IA li se jinbnew se jkomplu jespandu l-faċilitajiet komputazzjonali tal-IA u jħejju l-mudell tal-Laboratorji tad-Data għal varar kummerċjali mal-UE kollha, biex dan isarrfuh f'ekosistema ta' servizzi awtosuffiċjenti li tgħaqqad il-computing, id-data u l-innovazzjoni fl-IA.

**Il-laboratorji tad-data** se jipprovdu servizzi speċifikament f'disa' oqsma ewlenin:

- **Pont bejn l-ispazji tad-data u l-ekosistemi tal-IA:** rabta Prattika biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jaċċessaw data ta' kwalità għolja u interoperabbli permezz tal-konnessjoni tal-ispazji komuni Ewropej tad-data mal-iżviluppaturi, l-infrastrutturi u l-ekosistemi settorjali tal-IA.
- **Infrastruttura u għodod tekniċi:** il-kontenituri tad-data se jippermettu ħżin u organizzazzjoni effiċjenti tad-data, ikkomplementati b' ambjenti siguri għall-iproċessar fuq il-post ta' data sensittiva, flimkien ma' għodod li huma lesti biex jintużaw għat-tnejn tad-data u għal tekniki tal-preżervazzjoni tal-privatezza biex jinkisbu l-anonimizzazzjoni u l-ġenerazzjoni ta' data sintetika. Se ikun żgurat standard għoli ta' użabbiltà, ħeffa u skalabbiltà ħalli l-għodod ikunu sempliċi, affidabbli u faċli biex jiġu adottati.
- **Ġbir tad-data:** appoġġ lill-kumpaniji huma u jaggregaw data mingħand sorsi pubbliċi u ristretti, b' mod partikolari d-data użata għal skopijiet innovattivi, permezz tal-mekkaniżmi fdati tal-kondiviżjoni tad-data tal-ispazji komuni Ewropej tad-data. Il-Laboratorji tad-Data se jappoġġaw lin-negozji biex dawn jikkonformaw mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE huma u jiskambjaw jew jiġbru d-data. Filwaqt tikkomplementa u tibni fuq il-Linji Gwida Orizzontali, li jipprovdu gwida Prattika lill-kumpaniji dwar il-kollaborazzjoni u r-riżorsi

kondiviżi, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa lil-Laboratorji tad-Data f'dan ir-rwol bi gwida apposta dwar l-aqwa prattiki tal-iskambju u l-ġbir tad-data. Barra minn hekk, meta tintalab, se tingħata gwida mfassla apposta għal laboratorji tad-data individwali, skont l-Avviż ta' Gwida Informali.

- **Servizzi ta' psewdonimizzazzjoni u ta' anonimizzazzjoni:** il-forniment ta' għodod avvanzati u ta' għarfien espert biex jitneħħew jew jinsatru l-identifikaturi personali. Dawn is-servizzi se jinkludu tekniki bħal psewdonimizzazzjoni, anonimizzazzjoni, u privatezza differenzjali, li jippermettu użu mill-ġdid sikur tad-data b'mod li din jibqa' jkollha siwi analitiku.
- **Ġenerazzjoni ta' data sintetika:** appoġġ biex jinħolqu settijiet tad-data sintetika ta' kwalità għolja li jirreplikaw il-proprietajiet statistiċi ta' data reali mingħajr ma jesponu informazzjoni sensittiva jew kunfidenzjali. Il-laboratorji tad-data se jipprovdu għodod u għarfien espert biex jiġġeneraw, jivalidaw u joħlqu parametri referenzjarji tad-data sintetika għal taħriġ u ttestjar tal-mudelli tal-IA, li jikkomplementaw l-isforzi ta' anonimizzazzjoni u jtejbu d-disponibbiltà tad-data f'dominji sensittivi.
- **Irfinar, tikkettar u vettorizzazzjoni tad-data:** appoġġ komprensiv għal tindif, tikkettar, annotazzjoni, arrikkiment, u vettorizzazzjoni tas-settijiet tad-data biex isiru affidabbli, rappreżentattivi u użabbli għat-taħriġ tal-IA. Dan jinkludi proċessi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, dokumentazzjoni trasparenti, u kollaborazzjoni ma' komunitajiet ta' esperti għal tikkettar speċifiku għad-dominju.
- **Gwida u taħriġ regolatorji:** parir apposta biex jgħin lin-negozji jikkonformaw mal-liġijiet tal-UE, flimkien ma' taħriġ għall-iżviluppaturi tal-IA dwar l-użu tad-data u l-obbligi legali, bħar-regolamenti dwar l-IA, id-drittijiet tal-awtur, is-sigrieti kummerċjali u l-liġi tal-kompetizzjoni.
- **Pont bejn l-ispazji tad-data u l-ekosistemi tal-IA:** rabta Prattika biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jaċċessaw data ta' kwalità għolja u interoperabbli permezz tal-konnessjoni tal-ispazji komuni Ewropej tad-data mal-iżviluppaturi, l-infrastrutturi u l-ekosistemi settorjali tal-IA.
- **Aċċess eħfef għad-data:** servizz immexxi mid-domanda, biex in-negozji ġodda u l-SMEs ikunu jistgħu jindikaw il-ħtiġijiet tad-data tagħhom, u l-laboratorji tad-data jgħinuhom isibu settijiet tad-data rilevanti u jneħħu ostakli tas-suq, legali jew amministrattivi.

---

### *Laboratorju tad-data, kif jaħdem fil-prattika?*

*Kumpanija fi Stat Membru partikolari tiżviluppa sistemi tal-manutenzjoni predittiva bbażati fuq l-IA għall-vetturi elettriċi iżda ssibha diffiċli biex taċċessa biżżejjed data ta' kwalità għolja tas-sensuri mingħand mudelli differenti ta' karozzi u infrastrutturi tal-iċċarġjar. Il-manifatturi individwali qed iżommu lura milli jaqsmu din id-data minħabba tħassib relatat ma' sigrieti kummerċjali, privatezza, u kompetizzjoni. Il-Fabbriki tal-IA se jipprovdu r-riżorsi tal-computing u, bis-saħħa tal-laboratorji tad-data integrati tagħhom, jipprovdu wkoll is-servizzi tal-ġestjoni tad-data meħtieġa biex jingħelbu dawn l-ostakli.*

*Bis-saħħa tal-laboratorju tad-data, il-kumpanija taċċessa settijiet tad-data affidabbli, anonimizati u aggregati li jiġi mingħand sorsi differenti, fosthom operaturi pubbliċi tal-iċċarġjar, Fabbrikanti tat-Tagħmir Oriġinali (OEMs) li jieħdu sehem, u data oħra misjuba bis-saħħa tal-ispazju Ewropew tad-data dwar il-mobbiltà.*

*Bħala komponent tal-Fabbrika tal-IA, il-laboratorju tad-data joffri:*

- Ambjenti siguri għal analiżi ta' data tas-sensuri fil-ħin reali bis-saħħa ta' tagħlim federat mingħajr ma d-data toħroġ mis-sistemi OEM.*
- Servizzi ta' anonimizazzjoni li jiżguraw użu konformi mal-privatezza ta' data dwar sewwieqa u vetturi.*
- Gwida regolatorja dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-aċċess tad-data li hemm fl-Att dwar id-Data, u ġestjoni tal-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali.*
- Għodod tal-irfinar tad-data li jarmonizzaw formati tas-sensuri u standards tal-kwalità differenti.*

*Għalhekk, il-laboratorju se jaġixxi bħala pont bejn l-ispazju tad-data dwar il-mobbiltà u l-ekosistema tal-IA, ħalli l-kumpanija tkun tista' tħarreġ mudelli tal-IA sodi u fl-istess waqt tħares il-kunfidenzjalità tal-manifatturi.*

---

### **iii. L-Att dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA**

Il-kapaċità sostenibbli taċ-ċentri tad-data u s-servizzi sovrani tal-cloud u tal-IA huma prerekwiżiti biex l-UE tilħaq l-oġettivi stabbiliti f'din l-istrateġija. Hekk kif qed jiġu ġġenerati ammonti dejjem akbar ta' data, hemm bżonn dejjem akbar li din id-data tinġabar, tinħażen, tiġi kkombinata u pproċessata. Biex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-latenza<sup>22</sup> u d-dipendenzi fuq infrastrutturi li jkun qegħdin fi nħawi oħra tad-dinja, l-UE jeħtieġ ikollha kapaċità suffiċjenti ta' ċentri tad-data fi ħdanha.

Biex tkun żgurata d-disponibbiltà ta' infrastruttura sostenibbli taċ-ċentri tad-data u servizzi sovrani tal-cloud u tal-IA għan-negozji u l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-UE, fi Q1 2026 il-Kummissjoni se tipproponi **Att tal-UE dwar l-Iżvilupp tal-Cloud u tal-IA**. Din l-inizjattiva se tappoġġa l-innovazzjoni fil-katina kollha tal-valur tal-cloud u tal-IA, mill-integrazzjoni ta' proċessuri mill-aktar avvanzati sa teknoloġiji sostenibbli tat-tkessiħ u hardware u software tal-IA. Se tħaffef il-pass ukoll biex ikollna kapaċità sostenibbli taċ-ċentri tad-data, u tiżgura li l-UE jkollha l-infrastruttura meħtieġa għal servizzi siguri u sovrani tal-cloud u tal-IA.

### **iv. Assi tad-data strateġika: riżorsi tas-settur pubbliku, xjentifiċi, kulturali u lingwistiċi**

Il-kompetittività tal-UE fl-IA tiddependi fuq l-aċċess għal data ta' kwalità għolja, strutturata u affidabbli. Is-settijiet tad-data xjentifiċi, kulturali u lingwistiċi huma faċilitaturi kruċjali għal

---

<sup>22</sup> Il-latenza hi l-ħin li tiegħu d-data biex tgħaddi minn punt tan-network għal ieħor.

mudelli tal-IA sodi, għal innovazzjonijiet trasformattivi fir-riċerka, u għas-sovranità teknoloġika.

Is-settijiet tad-data ta' referenza tas-settur pubbliku skont id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa se jiġu skalati. Is-settijiet tad-data ta' valur għoli<sup>23</sup> jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas, fuq interfaċċi għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet (APIs), b'format li jinqara minn magna u, meta applikabbli, jkunu jistgħu jitniżżlu f'daqqa. Fl-2026, il-Kummissjoni se tipproponi li tespandi l-lista tas-settijiet tad-data ta' valur għoli biex tkopri d-data legali, għudizzjarja, amministrattiva u data oħra. Dan ikun ta' ġid għan-negozji ġodda u l-SMEs. Il-Kummissjoni se tkun qed tara wkoll jekk għandhomx jiżiedu aktar settijiet tad-data.

Id-data xjentifika diġà wriet li hija trasformattiva, kif jidher f'AlphaFold<sup>24</sup>. Bis-saħħa ta' bażijiet tad-data strutturati sew, jonqsu l-kostijiet tar-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż), titħaffef l-innovazzjoni, u jinfetħu fruntieri ġodda fl-oqsma tal-materjali, il-farmaċewtika, l-enerġija u l-bijoteknoloġija. Biex tibni fuq dan, il-Kummissjoni se tkompli timmeppja l-bażijiet tad-data eżistenti, tistabbilixxi prijoritajiet mal-esperti, tiżgura d-drittijiet tal-użu, u tfondi infrastrutturi diġitali ġodda skont l-istrateġija Ewropea dwar l-infrastruttura tar-riċerka u tat-teknoloġija. F'dan ir-rigward, il-**Cloud Ewropew tax-Xjenza Miftuħa** (EOSC), l-ispazju komuni Ewropew tad-data għar-R&Ż, qed jiżviluppa federazzjoni ta' repożitorji tad-data bi pjattaforma fdata għall-kondiviżjoni u l-użu mill-ġdid ta' data, għodod u servizzi tar-riċerka ta' kwalità għolja, Traċċabbli, Aċċessibbli, Interoperabbli u Riużabbli (FAIR) bejn id-dixxiplini u l-fruntieri fl-Ewropa. Din se tgħin l-attivitajiet xjentifiċi bl-IA fil-Kunsill RAISE<sup>25</sup>. Fl-istess waqt, il-proposta li jmiss għal Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER)<sup>26</sup> se ssaħħaħ il-kundizzjonijiet legali għall-kondiviżjoni, l-aċċess u l-użu mill-ġdid ta' riżultati tar-riċerka, pubblikazzjonijiet u data ffinanzjati pubblikament għal skopijiet xjentifiċi.

Anki r-riżorsi kulturali u lingwistiċi tal-UE se jiġu skalati. Aktar minn 30 miljun biċċa xogħol diġitalizzata mill-istituzzjonijiet kulturali tal-Ewropa se jkunu disponibbli għall-iżvilupp tal-IA, abbażi tal-inizjattiva Europeana<sup>27</sup>. Il-Kummissjoni se tesplora modi biex issaħħaħ il-kooperazzjoni u tħeġġeġ il-liċenzjar bejn ix-xandara pubbliċi u l-fornituri tal-IA, biex l-arkivji awdjoviżivi tagħhom isiru aċċessibbli għat-taħriġ tal-IA b'mod li titqies remunerazzjoni lid-detenturi tad-drittijiet.

Il-proġetti pilota tal-**Ispazju komuni Ewropew tad-Data Lingwistika u l-Alleanza għat-Teknoloġiji tal-Lingwi (ALT-EDIC)** se jiftħu l-bibien għal sorsi esterni biex jinkisbu settijiet tad-data speċifiċi għad-dominju, inkluż minn lingwi iżgħar, u dawn jiżiedu mal-477 biljun token diġà disponibbli, b'mod komparabbli ma' settijiet tad-data ewlenin għat-taħriġ tal-IA. Dawn jgħinu wkoll biex ikun żgurat li l-lingwi rari jiġu inklużi fl-iżvilupp ta' Mudelli Lingwistiċi Kbar (LLM) tal-IA, ħalli jitħalla impatt fuq il-kwalità tar-riżultati tas-sistemi tal-IA f'dawn il-lingwi.

<sup>23</sup> F'konformità mal-Anness I tad-Direttiva dwar id-Data Miftuħa, dawn is-settijiet tad-data ta' valur għoli ġejjin mill-kategoriji li ġejjin: il-ġeospazju, l-osservazzjoni tad-dinja u l-ambjent; il-meteoroloġija; l-istatistika, il-kumpaniji u s-sjieda tal-kumpaniji, il-mobbiltà. Jistgħu jiżiedu kategoriji ġodda.

<sup>24</sup> AlphaFold hi sistema tal-Intelliġenza Artifiċjali żviluppata minn Deep Mind, li tuża t-tagħlim profond u ammonti kbar tad-data biex tbassar l-istrutturi tal-proteini. Din tgħin biex titħaffef ir-riċerka trasformattiva f'ħafna oqsma tal-bijoloġija.

<sup>25</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2025). Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Strateġija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza: Inwittu t-triq għall-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-IA (RAISE). Brussell, it-8 ta' Ottubru 2025, COM(2025) 724 final.

<sup>26</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Il-proposta li jmiss għal Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), imħabbra fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2025, Brussell, il-11 ta' Frar 2025, tinsab hawn: [https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/strategy-documents/commission-work-programme/commission-work-programme-2025\\_en?prefLang=mt](https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/strategy-documents/commission-work-programme/commission-work-programme-2025_en?prefLang=mt)

<sup>27</sup> Europeana, *Il-pjattaforma diġitali Ewropea għall-wirt kulturali*, tinsab hawn: <https://www.europeana.eu/en> (aċċessat fis-27 ta' Ottubru 2025).

## v. Faċilitaturi orizzontali: data sintetika, ġbir tad-data, u standards

Flimkien mal-inizjattivi ewlenin, l-UE teħtieġ ukoll miżuri orizzontali li jolqtu lil setturi differenti u jagħtu skala lill-ekonomija kollha tad-data.

### *Data sintetika bħala xprunatur tat-tmexxija fl-IA*

Id-data sintetika<sup>28</sup> tista' tipprovdi l-potenzjal ta' taħriġ tal-IA f'oqsma fejn id-data hi skarsa jew sensitiva, mir-riċerka dwar mard rari sar-robotika jew ċirkostanzi rari tas-sewqan awtonomu. Din tippermetti l-iżvilupp ta' mudelli tal-IA mingħajr ma tinkixef informazzjoni personali jew proprjetarja, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività u anki l-innovazzjoni li tħares il-privatezza.

Biex taħtaf dan il-potenzjal, il-Kummissjoni se tiżviluppa gwida u standards għal użu fdat tad-data sintetika, tistħarreġ il-kwistjonijiet legali relatati, tikkonsulta dwar skema volontarja Ewropea taċ-ċertifikazzjoni, u tesplora l-possibbiltà li tinfetaħ "fabbrica tad-data sintetika" biex tipprovdi aċċess għal computing ta' prestazzjoni għolja għall-ġenerazzjoni ta' settijiet tad-data fuq skala kbira. Orizzont Ewropa se jiffinanzja wkoll R&Ż mill-aktar avvanzati dwar tekniki tal-ġenerazzjoni tad-data sintetika.

### *Inwittu t-triq għal ġbir strateġiku tad-data*

Ħafna kumpaniji, pereżempju fis-saħħa, fil-mobbiltà, fl-enerġija, fl-agrikoltura u fil-manifattura, m'għandhomx is-settijiet kbar u varjati tad-data li hemm bżonn biex iħarrġu mudelli avvanzati tal-IA. Il-ġbir tad-data relatata mal-istadji bikrija taċ-ċiklu tal-produzzjoni tal-prodotti u s-servizzi jista' jipprovdi għadd ta' benefiċċji komuni, iżda l-inċertezza legali u l-biża' ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni jżommu lura l-kollaborazzjoni.

Il-Kummissjoni se tkompli taġixxi biex tipprovdi ċarezza legali lill-kumpaniji, bi qbil mas-sejħa li hemm fir-rapport dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea ta' Mario Draghi biex ir-regoli jissarrfu f'riżultati. Il-Linji Gwida Orizzontali tal-2023 dwar il-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-kompetituri diġà jispjegaw meta l-ġbir tad-data jkun kompatibbli mal-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE, b'eżempji prattiċi u salvagwardji.

Biex tiffaċilita aktar il-kollaborazzjoni legali u effettiva tad-data permezz tal-Laboratorji tad-Data, il-Kummissjoni se toħroġ gwida apposta dwar l-aqwa prattiki tal-iskambju u l-ġbir tad-data.

Barra minn hekk, meta tintalab, il-Kummissjoni tista' tipprovdi gwida dwar l-liġi tal-kompetizzjoni skont l-Avviż ta' Gwida Informali għal proġetti u inizjattivi multinazzjonali speċifiċi relatati mad-data li jrawmu l-innovazzjoni, ir-reżiljenza industrijali, u l-iżvilupp tal-IA f'livell transfruntier. Billi l-ġbir tad-data tagħmlu alternattiva fdata u legalment sigura, l-UE tista' twassal biex jinkisbu bosta effiċjenzi u tħaffef il-pass ta' innovazzjonijiet trasformattivi f'setturi ewlenin.

### *Ngħollu l-livell fejn jidħlu l-kwalità tad-data u l-qbid tad-data*

Mingħajr standards affidabbli, anki l-aktar sforzi ambizzjużi għall-kondiviżjoni tad-data jirriskjaw il-frammentazzjoni u n-nuqqas ta' adozzjoni. Il-qafas tad-data affidabbli tal-UE<sup>29</sup>

---

*Ir-rapport ta' Draghi: "B'mod partikolari, biex jingħeleb in-nuqqas ta' settijiet kbar tad-data tal-UE, it-taħriġ tal-mudelli għandu jiġi pprovdut b'data kkontribwita liberament minn diversi kumpaniji tal-UE fi ħdan ċertu settur. Dan għandu jiġi appoġġat fi ħdan oqfsa ta' sors miftuħ, salvagwardjati mill-infurzar tal-antitrust mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni."*

---

<sup>28</sup> Ara d-definizzjoni ta' hawn fuq.

<sup>29</sup> Ara wkoll il-Kummissjoni Ewropea, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2025) 4135 dwar il-Qafas tad-Data Affidabbli Ewropew.

diġà jistabbilixxi regoli dwar il-kondiviżjoni, il-metadata u l-governanza, iżda hemm bżonn aktar ħidma biex jiġu indirizzati kwistjonijiet emerġenti.

Il-Kummissjoni se tnedi talba ta' standardizzazzjoni għal **standard Ewropew dwar il-kwalità tad-data** li jkopri l-kompletezza, il-konsistenza, il-provenjenza, iċ-ċarezza semantika u l-governanza, biex jipprovdi parametri referenzjarji komuni lin-negozji, lir-regolaturi u lir-riċerkaturi għal settijiet tad-data affidabbli. Din il-ħidma se tikkomplementa l-isforzi kontinwi ta' standardizzazzjoni dwar il-kwalità tad-data u d-dokumentazzjoni skont l-Att dwar l-IA, filwaqt li tiżgura l-koerenza bejn ir-rekwiżiti tal-ġestjoni tad-data u l-iżvilupp tal-IA.

Inizjattiva partikolari se jkollha l-għan li tistandardizza **l-prattiki tal-annotazzjoni u tat-tikkettar**, ħalli tiffaċilita s-sejbien, il-kombinament u l-użu mill-ġdid tad-data, filwaqt li tiżgura l-fiduċja fl-oriġini u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħha, tant meħtieġa biex jiġu skalati t-taħriġ tal-IA u l-użu mill-ġdid bejn setturi differenti. Għadd ta' sessjonijiet ta' ħidma ma' diversi partijiet ikkonċernati se jstħarrġu wkoll l-istandards għall-qbid tad-data minn prodotti, sensuri u kameras konnessi, inkluż kampjunar, metadata, kronogrammi, il-kalibrazzjoni u l-integrità, ħalli jingħeleb ostaklu ewlieni għal għir u użu mill-ġdid effettivi tad-data.

#### Azzjonijiet ewlenin

- Jitnedew l-ewwel **laboratorji tad-data** biex iwessgħu d-disponibbiltà tad-data u jkunu konnessi mal-ekosistemi tal-IA (Q4 2025). Dawn se joffru wkoll servizzi fdati tal-pseudonimizzazzjoni.
- **Tinbeda l-inizjattiva dwar data ta' kwalità għall-IA:** jitkattu s-settijiet tad-data ta' valur għoli skont id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa (Q4 2026); jinħoloq forum tal-partijiet ikkonċernati għax-xandara pubbliċi u l-iżviluppaturi tal-IA (Q2 2026); jiġu ppovduti 30 miljun oġġett kulturali diġitalizzati għat-taħriġ tal-IA (Q4 2026); u jinfetħu l-bibien għal sorsi esterni biex jinkisbu settijiet tad-data speċifiċi għad-dominju, u data lingwistika fil-każ tal-lingwi Ewropej iżgħar (Q2 2026).

## **Pilastru II: Simplifikazzjoni tar-regoli tad-data**

Il-qafas tad-data tal-UE jrid jibqa' ċar, Prattiku u favur l-innovazzjoni. Biex tnaqqas il-piżijiet u tixpruna l-kompetittività, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta leġiżlattiva, magħrufa bħala **l-Omnibus Diġitali**, biex, fost l-oħrajn, timmodernizza u tikkonsolida l-*acquis* orizzontali tal-UE dwar id-data. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tthabbar ħidma għal "konformità bi klikk waħda" biex ikun jista' jsir rapportar regolatorju awtomatizzat; u se tthabbar pakkett ta' appoġġ għall-Att dwar id-Data, inkluż kuntratti mudell, klawżoli standard, gwida dwar il-kumpensi u s-sigrieti kummerċjali, u helpdesk legali għall-SMEs.

### **i. Simplifikazzjoni tal-*acquis* tal-UE dwar id-data**

Il-qafas regolatorju tad-data tal-UE kiber malajr u, filwaqt li ħoloq drittijiet ġodda, żied ukoll il-kumplessità u l-frammentazzjoni. Hemm bżonn simplifikazzjoni biex jonqsu l-kostijiet tal-konformità, biex l-applikazzjoni tar-regoli ssir aktar faċli, u biex tiġi appoġġata aħjar l-innovazzjoni.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qed tippreżenta l-Omnibus Diġitali msemmija hawn fuq. Din se taġġorna l-*acquis* billi tneħħi l-piżijiet żejda filwaqt li tħares il-prinċipji ewlenin tal-ekonomija tad-data tal-UE. L-Omnibus se tiffoka fuq ir-riformi prijoritarji li ġejjin:

- **Tneħħija tar-regoli skaduti.** L-Omnibus se tħassar ir-Regolament dwar il-Moviment Liberu tad-Data Mhux Personali<sup>30</sup> għax il-funzjonijiet tiegħu diġà jkoprihom l-Att dwar

<sup>30</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu tad-data mhux personali fl-Unjoni Ewropea.

id-Data, u se tħares b'mod espliċitu l-prinċipju tal-moviment liberu tad-data mhux personali u l-projbizzjoni fuq il-lokalizzazzjoni mhux ġustifikata.

- **Simplifikazzjoni tar-regoli dwar il-kondiviżjoni tad-data.** L-Omnibus se tħassar l-Att dwar il-Governanza tad-Data (DGA) u tpoġġi d-dispożizzjonijiet essenzjali tiegħu fl-Att dwar id-Data. L-obbligi tal-intermedjarji tad-data se jkunu aktar ċari, eħfef u volontarji biex jippermettu mudelli vijabbli u adozzjoni usa'.
- **Konsolidazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data tas-settur pubbliku.** Ir-regoli attwali li hemm maqsumin bejn id-DGA u d-Direttiva dwar id-Data Miftuħa se jinżammu u jinġabru f'kapitlu wieħed tal-Att dwar id-Data. Dan jissimplifika l-obbligi filwaqt li jippreżerva l-ftuħ, it-trasparenza u l-aċċess ġust. Barra minn hekk, il-qafas il-ġdid se jindirizza l-iżbilanċi tal-poter fil-kondiviżjoni tad-data, filwaqt li jiżgura kundizzjonijiet ġusti u benefiċċji tanġibbli għall-SMEs. Il-laboratorji tad-data se jindikaw settijiet tad-data ġodda promettenti tas-settur pubbliku li għadhom mhumiex koperti.
- **Modernizzazzjoni tar-regoli dwar il-cookies u teknoloġiji simili.** L-Omnibus se tirriforma r-regoli dwar il-cookies li bħalissa hemm fid-Direttiva dwar il-privatezza elettronika u tpoġġihom fil-qafas tal-GDPR. Din se tipproponi soluzzjonijiet prattiċi: il-cookies u t-teknoloġiji simili għal ċerti skopijiet b'riskju baxx għandhom jitqiesu legali, filwaqt li għal skopijiet oħra, l-operaturi għandhom jistrieħu fuq waħda mill-bażijiet legali skont il-GDPR. Din se tissimplifika wkoll l-istrixxuni b'alternattivi li jinvolvu klikk waħda. Se tobligha lis-siti web jirrispettaw il-preferenzi tal-utenti, anki permezz tal-brawżers tagħhom. Lil hinn mill-Omnibus Diġitali, se jiġi riformat il-qafas tal-privatezza elettronika biex ikun żgurat li r-regoli attwali jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' żmienna u jippermettu protezzjoni effettiva tan-nies u tan-negożji, mingħajr ma jiġu kompromessi d-drittijiet fundamentali u jiġi ppreżervat il-ġurnaliżmu indipendenti. Id-dispożizzjonijiet rilevanti se jiddaħħlu fi strumenti legali oħra biex finalment id-Direttiva tkun tista' tiġi rtirata.
- **Niżviluppaw qafas tal-privatezza favur l-innovazzjoni.** L-emendi mmirati tal-GDPR se jiċċaraw b'mod partikolari l-kunċett tad-data personali, jarmonizzaw fil-livell tal-UE meta għandhom isiru valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data, jissimplifikaw in-notifiki tal-ksur tad-data lill-awtoritajiet superviżorji, jirrazzjonalizzaw in-notifiki tal-ksur b'punt uniku tad-dħul tal-UE, jissimplifikaw l-obbligi tal-informazzjoni meta jkun raġonevoli li wieħed jistenna li l-individwi diġà jkollhom l-informazzjoni u r-riskju għas-suġġett tad-data jkun baxx; jiċċaraw li l-interess leġittimu jista' jkun bażi legali għat-taħriġ tal-IA, inkluż għall-ipproċessar inċidentali ta' kategoriji speċjali tad-data; jiċċaraw id-dispożizzjonijiet dwar teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet individwali.

---

*Parteċipant fil-konsultazzjoni pubblika dwar l-Unjoni tad-Data: "Ir-regoli dwar il-privatezza elettronika jeħtieġ jiġu aġġornati b'mod urġenti. Ir-regoli stabbiliti kienu tfaßlu f'kuntest teknoloġiku kompletament differenti u ma jirriflettux il-ħtiġijiet tas-suq illum."*

---

Bidla ewlenija tikkonċerna l-ftuħ tad-data għall-IA b'anonimizzazzjoni fdata. L-inċertezza dwar anonimizzazzjoni suffiċjenti tad-data personali għadha tħassib ewlieni u din spiss tiskoraġġixxi l-kondiviżjoni tad-data. In-negożji jbatu b'mod partikolari biex jiddeterminaw meta d-data psewdonimizzata ma tibqax tikkostitwixxi data personali għal ċerti entitajiet. Din l-inċertezza tagħmel il-kondiviżjoni tad-data aktar kumplessa meta r-rekwiżiti tal-GDPR jiġu rispettati minħabba prekawzjoni. Il-Kummissjoni se tappoġġa

lin-negozji billi tispeċifika l-mezzi u l-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk id-data li tirriżulta mill-pseudonimizzazzjoni tikkostitwix data personali għal ċerti entitajiet.

Din tinkludi valutazzjoni tal-aktar tekniki avvanzati disponibbli u l-iżvilupp ta' kriterji biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' identifikazzjoni mill-ġdid. Filwaqt li n-negozji jibqgħu responsabbli għalkollox għall-konformità mal-GDPR, dawn ikunu jistgħu jużaw l-implimentazzjoni ta' daww il-mezzi u l-kriterji biex juru li d-data ma tistax twassal għal identifikazzjoni mill-ġdid. L-emendi se jiffaċilitaw ukoll it-taħriġ tal-mudelli tal-IA, bis-salvagwardji xierqa. L-għan ta' dawn il-bidliet hu li jipprovdu ċarezza legali għall-iżvilupp tal-IA, inkluż każijiet tal-ipproċessar inċidentali ta' data sensittiva meta l-iżviluppaturi jkun għamlu sforzi ġenwini biex ineħħu din id-data, filwaqt li jħarsu d-drittijiet tal-individwi u l-kompetittività tan-negozji.

- **Nirfinaw l-Att dwar id-Data għal implimentazzjoni Prattika.** Il-karatteristiċi essenzjali tal-Att dwar id-Data se jibqgħu l-istess. Fl-istess ħin, il-kondiviżjoni tad-data min-negozji għall-gvern se tkun limitata għal emerġenzi, u b'hekk jittaffew il-piżijiet filwaqt li jkun salvagwardjat ir-rispons għall-kriżijiet. Aġġustamenti addizzjonali mmirati se jevitaw it-“tnixxijiet” tad-data barra mill-UE, jintroduċu reġimi apposta għal servizzi tal-cloud imfasslin skont l-eżiġenzi, u se jneħħu d-dispożizzjonijiet dwar il-kuntratti intelliġenti.
- **Inqas piżijiet għall-kumpaniji li qed jespandu.** Kategorija ġdida ta' kumpaniji zġhar b'kapitalizzazzjoni medja (250-749 impjegat) se twessa' d-dispożizzjonijiet tal-SMEs skont l-Att dwar id-Data, id-Direttiva dwar id-Data Miftuħa, u r-regoli integrati tad-DGA.

## ii. Nibnu qafas tad-data li jibqa' validu fil-futur

Bħala parti mill-Kontroll tal-Idoneità Diġitali, il-Kummissjoni se tkompli tirrieżamina l-*acquis* tal-UE dwar id-data biex iżżommu koerenti, proporzjonat u favur l-innovazzjoni. B'attenzjoni partikolari għall-SMEs, se tidentifika duplikazzjonijiet, lakuni, u interazzjonijiet mhux ċari, inkluż mal-liġijiet settorjali dwar id-data, biex toħloq qafas transsettorjali aktar prevedibbli.

Barra minn hekk, se timmodernizza l-leġiżlazzjoni diġitali u l-protezzjoni tad-data<sup>31</sup>. Aġġustamenti mmirati jistgħu jiffaċilitaw il-konformità u jsaħħu l-infurzar, filwaqt li jappoġġaw l-iżvilupp ta' innovazzjonijiet sodi u affidabbli.

Qed dejjem jikber it-tħassib dwar is-senserija tad-data, għax ċerti kumpaniji jiġbru, jaggregaw u jinneogzjaw data personali mingħajr għarfien, kunsens sinifikattiv, jew kontroll min-naħa tal-individwi kkonċernati. Dawn il-prattiki mċajprin qed idgħajfu l-prinċipji ewlenin tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data, il-privatezza, ifixklu l-kompetizzjoni, u jnaqqsu l-fiduċja pubblika fis-swieq diġitali. Hemm bżonn infurzar aktar b'saħħtu tar-regoli eżistenti. Il-Kummissjoni se tivvaluta jekk hemmx bżonn salvagwardji oħrajn biex jitrażżnu dawn il-prattiki, tittejjeb it-trasparenza fin-negozjar tad-data, u jkun żgurat li l-individwi u n-negozji jkun jistgħu jafdaw kif tiġi aċċessata u skambjata d-data fl-Unjoni.

## iii. Konformità bi klikk waħda

Illum, il-kumpaniji qed iqattgħu ħafna żmien u jonfqu ħafna flus fuq il-konformità. Anki d-data li tkun diġà b'format diġitali spiss tkun trid terġa' tiġi formattjata u terġa' tiġi sottomessa lil diversi awtoritajiet, fejn tiġi ċċekkjata manwalment. Din id-duplikazzjoni toħloq sorveljanza frammentata u tiddevja r-riżorsi mill-innovazzjoni.

<sup>31</sup> Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni [EUR-Lex - 52025DC0870 - MT - EUR-Lex](#).

Lil hinn mis-simplifikazzjoni tar-regoli, l-UE qed tinvesti fit-teknoloġiji biex tawtomatizza l-konformità. B'Orizzont Ewropa u l-programm Ewropa Diġitali, qed tappoġġa mudelli tad-data komuni, oqfsa ta' interoperabbiltà u analiżi awtomatizzata. Il-proġetti pilota diġà juru kif il-kontrolli tal-konformità awtomatizzati u fil-ħin reali jistgħu jaħdmu fil-prattika. Il-Passaport Diġitali tal-Prodotti (DPP) hu eżempju bikri ta' dan l-approċċ fil-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti.

Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, bil-“konformità bi klikk waħda”, ir-rekwiżiti regolatorji jkunu jistgħu jiġu verifikati minn magna, u d-data tal-kumpaniji tinbidel f'ċertifikati tal-konformità diġitali standardizzati, simili ħafna għal kif id-DPP jippermetti konformità awtomatika tal-prodotti.

Il-konformità bi klikk waħda tista' tkun partikolarment utli f'oqsma bħaċ-ċibersigurtà, fejn il-kumpaniji jridu jissodifaw rekwiżiti skont l-NIS<sup>32</sup>, l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika<sup>33</sup>, u oqfsa oħra.

Ir-Regolament dwar il-**Kartiera Ewropea tan-Negozji** se jkun faċilitatur ewlieni ta' dan l-approċċ. Se jipprovdi ambjent diġitali fdat u interoperabbli għall-ħżin, il-ġestjoni u l-kondiviżjoni ta' kredenzjali verifikabbli, inkluż ta' ċertifikati tal-konformità. Il-kumpaniji jistgħu jużaw il-**kartieri Ewropej tan-negozju** biex jidentifikaw ruħhom diġitalment, jidentifikaw u jivvalidaw lill-utenti tal-ekosistema u juru l-konformità ma' diversi regoli tal-UE permezz tas-sottomissjoni ta' ċertifikati tal-konformità, filwaqt li r-regolaturi tal-korpi tas-settur pubbliku jingħataw aċċess sigur u immedjat għal informazzjoni validata. Maż-żmien, il-**kartiera Ewropea tan-negozju** se ssir infrastruttura komuni li tappoġġa ċerti proċessi amministrattivi bħal-liċenzjar, l-akkwist pubbliku, u l-aċċess għall-finanzjament, filwaqt li tippermetti interazzjonijiet diġitali bla skossi bejn in-negozji u l-awtoritajiet fis-Suq Uniku.

Biex ikunu żgurati l-fiduċja u ċ-ċertezza legali se jkun essenzjali li jiġi determinat min se jkun kontabbli f'każ ta' żball, użu ħażin, jew fallimenti tas-sistema, jekk hux il-kumpanija, iċ-ċertifikatur jew ir-regolatur. Għalhekk, il-Kummissjoni se tesplora dawn il-materji f'konsultazzjoni pubblika futura, li matulha tistħarreġ l-opportunitajiet u s-salvagwardji meħtieġa biex tinbena ekosistema tal-konformità awtomatizzata affidabbli u kontabbli.

Lil hinn milli tnaqqas il-kostijiet tal-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, sistema bħal din tagħti wkoll informazzjoni intwittiva lil dawk li jfassu l-politika dwar kif ir-regoli jaħdmu fil-prattika, u ssaħħaħ ir-regolamentazzjoni bbażata fuq l-evidenza. Il-konformità bi klikk waħda tista' ssir pilastru tal-aġenda tas-simplifikazzjoni diġitali tal-UE, li tallinja l-kompetittività mal-fiduċja u mal-kontabbiltà.

#### **iv. Għajnuna lin-negozji biex jikkonformaw mal-Att dwar id-Data**

L-Att **dwar id-Data** hu s-sett ewlieni tar-regoli fejn jidħlu l-użu u l-kondiviżjoni tad-data. Biex ikun żgurat li l-kumpaniji, speċjalment l-SMEs u l-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja, ikunu jistgħu jħaddmu bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom u jiffokaw fuq l-innovazzjoni flok fuq il-

<sup>32</sup> Id-Direttiva (UE) 2022/2555 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li temenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 u d-Direttiva (UE) 2018/1972, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148 (Direttiva NIS 2), ĠU L 333, 27.12.2022, p. 80-152.

<sup>33</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/2847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2024 dwar ir-rekwiżiti orizzontali ta-ċibersigurtà għall-prodotti b'elementi diġitali u, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013 u (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2020/1828 (Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika), ĠU L [2847], l-20 ta' Novembru 2024.

burokrazija, il-Kummissjoni diġà ħarġet dokument ta' Mistoqsijiet Frekwenti<sup>34</sup> u gwida dwar id-data ta' ġol-vettura<sup>35</sup>, u se tkompli tikkomplementahom b'pakkett usa' ta' miżuri ta' appoġġ.

Il-miżuri immedjati jinkludu:

- termini kuntrattwali mudell għall-kondiviżjoni tad-data biex jonqsu l-kumplessità legali u l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, u tingħata fiduċja lin-negozji meta jagħmlu sħubijiet ġodda;
- klawżoli kuntrattwali standard għas-servizzi tal-cloud biex il-qalba ssir aktar faċli u l-kuntratti jsiru aktar ġusti, favur il-kompetizzjoni u l-innovazzjoni fis-suq Ewropew tal-cloud.

Fost miżuri oħra li se jiddaħħlu gradwalment hemm:

- Linji gwida dwar kumpens raġonevoli biex jiġi ċċarat xi ħlas jista' jintalab għall-kondiviżjoni tad-data, li jipprovdu ċertezza legali lid-detenturi tad-data daqs kemm lir-riċevituri tad-data (Q1 2026);
- Gwida ġdida dwar definizzjonijiet partikolari li hemm fl-Att dwar id-Data (Q1 2026);
- Helpdesk legali tal-Att dwar id-Data biex jipprovdi assistenza diretta lill-kumpaniji b'mistoqsijiet konkreti dwar kif japplikaw ir-regoli l-ġodda, bi prijorità lill-SMEs ħalli l-mistoqsijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu indirizzati malajr u bl-attenzjoni xierqa (Q4 2025).

Flimkien, dawn il-miżuri se jipprovdu għajjnuna aħjar b'rabta mal-Att dwar id-Data, inaqqsu l-kostijiet żejda, u jagħtu ċ-ċarezza u l-kunfidenza meħtieġa mill-kumpaniji biex jaħtfu opportunitajiet ġodda fl-ekonomija tad-data tal-UE. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib l-adozzjoni tal-għodod kuntrattwali, b'mod partikolari t-termini kuntrattwali mudell u l-klawżoli kuntrattwali standard, u se tirrieżaminahom, tikkomplementahom jew tadattahom kif meħtieġ skont żviluppi internazzjonali fil-kondiviżjoni tad-data.

Il-Kummissjoni se tistinka għal sinerġiji bejn il-komunità tax-xerrejja pubbliċi u l-Ispazji Ewropej tad-Data biex ittejjeb l-effiċjenza tas-settur pubbliku, abbażi tal-pjan ta' azzjoni stabbilit bejn l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa u l-Grupp ta' Ħidma tax-Xerrejja l-Kbar dwar l-Effiċjenza fil-Kura tas-Saħħa.<sup>36</sup>

### **Azzjonijiet ewlenin**

- Proposta għal **konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar id-data** (Q4 2025)
- Proposta għal **aġġornament tar-regoli tal-privatezza elettronika** dwar il-cookies u teknoloġiji simili (Q4 2025)
- Proposta għal **aġġustamenti mmirati tal-GDPR** (Q4 2025)
- Titnieda **inizjattiva ta' konformità bi klikk waħda** (Q4 2025 'il quddiem)
- Jiddaħħlu miżuri ta' appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Att dwar id-Data (Q4 2025 'il quddiem)

<sup>34</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Mistoqsijiet Frekwenti dwar l-Att dwar id-Data, il-verżjoni 1.3, Brussell, it-12 ta' Settembru 2025, jinsab hawn: <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/commission-publishes-frequently-asked-questions-about-data-act> (aċċessat fis-27 ta' Ottubru 2025).

<sup>35</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Gwida dwar id-data tal-vetturi, li takkumpanja r-Regolament (UE) 2023/2854 (l-Att dwar id-Data), C(2025) 6119 final, Brussell, it-12 ta' Settembru 2025.

<sup>36</sup> [Can the European Health Data Space enable better procurement? – Big Buyers are investigating | Komunità tax-Xerrejja Pubbliċi](#).

### **Pilastru III: Nissalvagwardjaw is-sovranità tad-data tal-UE b'politika strateġika internazzjonali dwar id-data**

Is-sovranità tad-data tinsab fil-qalba tal-futur diġitali tal-UE. Dan ifisser li l-UE jeħtieġ jibqa' jkollha kontroll fuq kif tiġi aċċessata, użata u protetta d-data, kemm fit-territorju tagħha kif ukoll 'il barra minnu. Is-sovranità teħtieġ il-ftuħ għal sħab fdati, inkluż l-iskambju ta' data bejn il-fruntieri, iżda b'termini ġusti, siguri u konsistenti mal-valuri u l-interessi tal-UE. Mhux sostenibbli li atturi barranin igawdu aċċess bla restrizzjonijiet għas-suq tal-UE filwaqt li l-kumpaniji Ewropej isibu ostakli mhux ġustifikati barra mill-UE.

Li nissalvagwardjaw is-sovranità ifisser ukoll li niproteġu r-reżiljenza tal-UE. L-attakki ċibernetiċi, it-tnixxija tat-teknoloġija, is-sorveljanza u d-dipendenzi koerċittivi jixħtu d-data kritika f'riskju. L-UE jeħtieġ tiżgura l-aċċessibbiltà, l-integrità, u s-sigurtà tas-settijiet tad-data sensitivi, billi tevita l-użu ħażin jew l-isfruttament tagħhom, speċjalment minn atturi barra mill-UE.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se tħaddem strateġija ta' ftuħ iżda b'idejn sodi: billi l-kundizzjonijiet ġusti tal-aċċess għad-data u t-trasferiment transfruntier tagħmilhom pilastru tal-kummerċ diġitali, tiproteġi d-data mhux personali sensitiva tal-UE b'salvagwardji ċari, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab fdati. Se taħdem ukoll biex tfassal mudelli ta' governanza globali li jkunu jirriflettu l-interessi u l-valuri tal-UE u jevitaw il-frammentazzjoni fi sferi rivali. Din l-istrateġija se tikkomplementa l-approċċ minn dejjem tal-UE għal flussi siguri tad-data personali li ħoloq l-*acquis* tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

---

*Skont stħarriġ mal-partijiet ikkonċernati, 75% tal-parteċipanti appoġġaw approċċ aktar assertiv tal-UE fir-rigward tal-flussi internazzjonali tad-data mhux personali.*

---

Filwaqt li l-UE bniet qafas legali sod u ppromwoviet internazzjonalment “fluss liberu tad-data b'fiduċja”, rekwiżiti ġodda mhux ġustifikati ta' lokalizzazzjoni tad-data, kontrolli tal-esportazzjoni, u regoli diskriminatorji barra mill-UE qed jheddu li jimminaw is-sovranità. Għalhekk, il-Kummissjoni se taġixxi b'mod aktar assertiv biex tiddefendi l-interessi u l-awtonomija regolatorja tal-UE, b'miżuri proporzjonati meta l-ftuħ jiġi abbużat jew meta l-vulnerabbiltajiet jintużaw bħala arma.

#### **i. Flussi transfruntiera ġusti tad-data u salvagwardji għad-data sensitiva mhux personali tal-UE**

Il-Kummissjoni se tinkorpora kundizzjonijiet ġusti u kontroll effettiv tal-flussi transfruntieri tad-data fil-kummerċ diġitali internazzjonali. L-iżbilanċi eżistenti meta d-data tal-UE toħroġ 'il barra mingħajr salvagwardji xierqa se tindirizzahom bi skambji strutturati, pereżempju fil-qafas tas-sħubijiet u d-djalogi diġitali tal-UE.

Jekk il-lakuni jippersistu, il-Kummissjoni se tieħu azzjoni proporzjonata abbażi ta' kriterji oġġettivi u b'rispett sħiħ tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni. Fi Q2 2026 se toħroġ linji gwida biex tivvaluta t-trattament tal-entitajiet tal-UE minn pajjiżi terzi, u fi Q1 2026 se tiżviluppa sett ta' għodod kontra t-tnixxija tad-data biex tindirizza d-domandi ta' lokalizzazzjoni, l-esklużjoni mis-suq, jew in-nuqqas ta' salvagwardji suffiċjenti jew xi trattament ieħor mhux ġustifikat. Dan is-sett ta' għodod jista' jibbaża fuq jew jitnebbi minn ċerti strumenti bħar-Regolament dwar l-Infurzar Kummerċjali<sup>37</sup>, l-Istrument kontra l-

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94, ĠU L 189, is-27 ta' Ġunju 2014, p. 50-58.

Koerċizzjoni<sup>38</sup>, u kunsiderazzjonijiet dwar is-sigurtà ekonomika, kif applikabbli, u se jiffoka fuq it-teknoloġiji u l-aqwa prattiki biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-UE. Jekk id-distorsjonijiet strutturali jew il-prattiki diskriminatorji persistenti jibqgħu ma jgħux indirizzati, il-Kummissjoni, meta neċessarju, se tikkunsidra miżuri oħra biex tiżgura kundizzjonijiet ġusti tal-aċċess u l-użu tad-data.

Fl-istess waqt, il-Kummissjoni se tiproteġi aħjar id-data sensitiva mhux personali tal-UE billi tikkomplementa l-protezzjoni tad-data personali garantita bil-GDPR u d-deċizzjonijiet tal-adeqwatezza. B'ħidma mal-partijiet ikkonċernati, u wara r-riżultati tal-valutazzjonijiet profondi tar-riskju, fi Q3 2026 se tadotta l-ewwel pakkett ta' miżuri mmirati.

## **ii. Nikkollegaw l-ekosistemi tal-kondiviżjoni tad-data tal-UE ma' dawk ta' pajjiżi terzi tal-istess fehma**

Il-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data, iċ-ċibersigurtà, l-infurzar u r-rimedju ġudizzjarju hu bażi affidabbli għad-detenturi tad-data barranin. Il-Kummissjoni se trawwem rabtiet siguri, konverġenti u interoperabbli bejn l-ekosistemi tad-data tal-UE u dawk ta' sħab tal-istess fehma biex tattira aktar flussi tad-data lejn l-UE.

Il-miżuri ppjanati jinkludu (i) appoġġ għal servizzi u infrastruttura bħas-CEDS biex tkun tista' ssir kondiviżjoni transfruntiera bla skossi; (ii) għodod bħal klawżoli kuntrattwali standard biex jgħinu lin-negozji jiżguraw skambji legali; u (iii) l-inkorporazzjoni ta' impenji dwar il-kondiviżjoni transfruntiera tad-data fi ftehimiet internazzjonali bilaterali u plurilaterali.

Biex jissaħħu l-konverġenza u l-interoperabbiltà, il-Kummissjoni se tippromwovi l-Qafas ta' Data Affidabbli Ewropew fid-djaliġi internazzjonali u fin-Network ta' Sħubija Diġitali. Se tesplora wkoll il-ħolqien ta' tikketta ta' fiduċja, potenzjalment marbuta mal-mudell tal-maturità tal-ispazji tad-data – qafas standardizzat imfassal għall-valutazzjoni tal-kapaċitajiet tal-inizjattivi tal-ispazji tad-data – biex tappoġġa l-kooperazzjoni ma' gvernijiet u negozji barra mill-UE.

## **iii. Inqawwu l-vuċi tal-UE fil-governanza tad-data globali**

Il-mudelli kompetittivi tal-governanza tad-data qed jifframentaw ix-xenarju dinji. Il-Kummissjoni se tintensifika l-promozzjoni tal-approċċi tal-UE fuq livell internazzjonali, b'mod partikolari f'oqfsa emerġenti, u ssaħħaħ il-koalizzjonijiet ma' sħab tal-istess fehma.

Sal-2026 u bi qbil mal-Istrateġija Diġitali Internazzjonali<sup>39</sup>, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) se jqawwu u jgħaqqdu s-sħubijiet diġitali dwar il-governanza tad-data, billi jallinjaw ma' sħab bl-istess objettivi komuni u jkomplu jiżviluppaw il-ftehimiet kummerċjali diġitali u l-kapitli diġitali fil-ftehimiet kummerċjali tradizzjonali. Se tkompli timpenja ruħha b'mod attiv f'fora bħall-G7, il-G20, l-OECD u n-NU, permezz ta' strumenti bħad-“Dikjarazzjoni dwar l-Aċċess tal-Gvern għad-Data Personali” tal-OECD.

Se tingħata attenzjoni partikolari għall-promozzjoni tal-approċċi tal-UE u għal kollaborazzjoni ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi kandidati, mal-kandidati potenzjali u mal-eqreb ġirien. L-UE se taħdem ukoll mas-sħab biex tesplora l-istabbiliment ta' pjattaforma komuni għal ċerta data pubblika ta' valur għoli magħżula (eż. wirt kulturali) u tistinka għal arranġamenti fdati għall-flussi tad-data sensitiva, aċċess tal-gvern, u regoli speċifiċi għas-setturi.

<sup>38</sup> Ir-Regolament (UE) 2023/2675 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi (Strument kontra l-Koerċizzjoni), ĠU L 322, is-27 ta' Novembru 2023.

<sup>39</sup> Il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, *Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Strateġija Diġitali Internazzjonali għall-Unjoni Ewropea*, JOIN(2025) 140 final, Brussell, il-5 ta' Ġunju 2025.

### Azzjonijiet ewlenin

- Jinħarġu linji gwida għal valutazzjoni tat-trattament ġust tad-data tal-UE barra mill-UE (Q2 2026)
- Jinħoloq sett ta' għodod kontra l-lokalizzazzjoni mhux ġustifikata, l-esklużjoni, is-salvagwardji dgħajfa, u t-tnixxija tad-data (Q2 2026) u jiġu adottati miżuri li jiproteġu d-data sensittiva mhux personali (Q3 2026)

## **5. L-istrateġija għal Unjoni tad-Data: niftħu l-bibien tad-data għall-IA**

Biex tiżgura l-kompetittività fl-era tal-IA, l-istrateġija għal Unjoni tad-Data taqleb mill-ħolqien tar-regoli għall-kisba tar-riżultati. Se tibni fuq il-pedamenti li nfixxu fl-2020 biex tindirizza l-iskarsezza tad-data, il-kumplessità regulatorja, u l-kompetizzjoni dinjija.

Il-Bord Ewropew għall-Innovazzjoni fil-Qasam tad-Data se jibqa' l-forum ċentrali tal-governanza, riformat għal dibattiti tekniċi aktar profondi u għal djalogu strateġiku mal-Istati Membri u mal-industrija. Fl-istess waqt, l-Alleanza għall-Applikazzjoni tal-IA se ssir il-kanal ewlieni għar-rispons settorjali, u b'hekk tiżgura li l-kumpaniji, ir-riċerkaturi, u l-atturi pubbliċi jkawru l-implimentazzjoni. L-Osservatorju tal-IA se jsegwi x-xejriet emerġenti u jsarrafhom f'tagħrif intwittiv għall-politika.

L-azzjonijiet immirati se jiskalaw id-data ta' kwalità għolja, jissimplifikaw ix-xenarju regulatorju, u jsaħħu r-rwol tal-UE fil-flussi globali tad-data. Għall-SMEs u l-innovaturi, dan ifisser konformità orħos, aċċess eħfef għad-data, u ambjent internazzjonali aktar favorevoli.

Fil-prattika jitwettaq biss dak li jista' jitkejjel. Din hi r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni ħabbret pjan direzzjonali għas-suq uniku, ħalli żżid il-pass u tħaffef il-proċessi. L-Istrateġija għal Unjoni tad-Data tista' tgħin kif xieraq għall-pjan direzzjonali biex tgħin tiggwida lil dawk li jfasslu l-politika u lill-industrija, b'mod partikolari lill-SMEs, huma u jneħħu l-ostakli u jissoktaw it-tlestija tas-suq uniku għad-data.

Id f'id mal-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA, l-Istrateġija għal Unjoni tad-Data tiżgura li l-pedamenti tad-data tal-UE jixprunaw direttament għall-iżvilupp, il-varar u l-adozzjoni tal-IA fis-setturi kollha.

Il-viżjoni fit-tul hija ċara: ekonomija tad-data Ewropea sovrana li tippermetti flussi tad-data b'modi siguri u responsabbli, li ssaħħaħ l-IA, tixpruna l-innovazzjoni, u tagħti spinta lill-kompetittività.